**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 26 ta' Jannar 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 72/2019 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B C**

**vs**

**D C**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 1314/2015)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi,[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut gewwa l-Knisja Parrokjali ta' Burmarrad nhar il-05 ta' Gunju 2015 u dank if jidher minn Dok 'A';*

[1] Fol. 1

2. *Illi l-kontendenti zzewwgu wara koreteggjament u gherusija ta' sitt (06) snin u minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*

3. *Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u l-attrici kostretta tipprezenta din l-istanza u dan wara li l-konvenut kisser g]al kollox ir-relazzjoni mal-esponenti;*

4. *Illi l-attrici giet awtorizzata illi tipprezenta kawza ta' separazzjoni personali kontra zewgha b'digriet f'dan is-sens moghti mill-Onorabbli Qorti hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';*

5. *Illi peress li z-zwieg tal-partijiet tkisser g]al kollox, l-attrici bdiet il-process ta' medjazzjoni bil-hsieb illi l-kontendenti jaslu ghall-akkordju dwar id-divizjoni tal-gid taghhom pero' l-konvenut rrifjuta illi jaghti lill-esponenti dak li hu dovut lilha ghall-benefikati u miljoramenti li hija ghamlet fid-dar matrimonjali;*

6. *Illi l-attrici tirrileva illi l-konvenut zewgha effettivament kisser kull relazzjoni li kellu ma martu u dan wara ftit xhur li l-partijiet kienu mizzewgin. Illi l-problemi li wasslu ghat-tkissir taz-zwieg kienu bdew jimmanifestaw ruhhom mill-bidu net, ghalkemm mhux b'mod allarmanti u dan wara li l-konvenut kien jabbanduna lill-attriċi sabiex ikun mal-familja tiegħu;*

7. *Illi z-zwieg tal-kontendenti sar hazin, meta l-attrici kienet titlob lil zewgha sabiex jibdew jahsbu ghat-tfal u dan minhabba l-eta' tal-attrici. Illi l-konvenut minkejja illi kien ben konsapevoli illi t-tfal kenu ferm importanti ghall-attrici beda jsib skuzi kollha sabiex jevita li l-partijiet ma jkollhomx tfal;*

8. *Minn dak iz-zmien il-quddiem, ir-relazzjoni tal-partijiet marret ghall-aghar u dan minhabba illi l-konvenut ma kienx jaghti kaz ghall-bzonnijiet ta' martu u taz-zwieg taghhom. Illi l-esponenti ma kelliex alternattivaa ghajr li titlaq mid-dar matrimonjali u dan bit-tama illi tqanqal reazzjoni minn zewgha sabiex jindirizzaw l-problemi matrimonjali taghhom. Illi filfatt dan il-fatt wassal ghal reazzjoni opposta tant illi l-konvenut l-anqas biss*

*indenja jcempel lill-martu sabiex jara fejn marret wara li hija telqet mid-dar matrimonjali;*

9. *Illi tant li l-konvenut ma kienx jimpurtah miz-zwieg tieghu mal-esponenti illi mhux biss ma ghamel l-ebbda reazzjoni ghat-tkissir taz-zwieg izda filfatt beda relazzjoni extra maritali ma' mara ohra.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut għandu jkun kkunsidrat li minna kien hati tal-firda u l-adulterju u okkorendo tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;*

2. *Tiddikjara illi l-imgieba tal-attrici, matul il-konvivenza tal-kontendenti, kienet tali illi bl-ebda mod ma ghandha titqies illi tilfet, jew xort' ohra ppregudikat, il-jedd taghha li titlob manteniment minghand il-konvenut zewgha, b'mod illi jekk dakinhar tal-eventwali sentenza hija tkun tista' tmantni lilha nnifisha, il-jedd taghha li titlob manteniment minghand zewgha jibqa' preservat u riservat lilha filwaqt illi, jekk dakinhar tal-eventwali sentenza l-attrici ma tkunx ghadha fi grad li tmantni lilha nnifisha, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu dik ir-retta alimentary xierqa u adegwata illi trid tigi ffisata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti jew jekk jidher xieraq u opportune lil din l-Onorabbli Qorti, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Onorabbli Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipedenti mill-konvenut;*

3. *Tapplika kontra l-konvenut in parti jew in toto, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

4. *Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;*

5. *Tillikwida l-beni parafernali ossija pekuljari tal-attrici u tikkwlifika l-istess krediti tal-istess attrici kontra l-kommunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti, jew kontra l-konvenut, skont meta gew kontrattati, liema krediti ghandhom jigu nkluzi fl-iskema tad-divizjoni tal-assi u debiti kommuni kif hawn mitlub;*

6. *Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-assi u d-djun komprizi fl-istess kommunjoni tal-akkwisti;*

7. *Tiddikjara xolta kull kommunjoni iehor ta' propjeta' u/jew assi u jew gid iehor u/jew dejn esistenzi bejn il-partijiet u tillikwida dan il-gid u/jew dejn kommuni;*

8. *Tordna illi jigi akkumolat l-gid u d-dejn kollu kommuni tal-kontendenti, sew jekk gej komunjoni u kif ukoll dak li gej minn kommunjoni ohra ta' propjeta' u tordna li l-istess gid u djun kommuni jigi maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi ordnat mill-din l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia f'dak illi jirrigwarda l-gid li gej mill-kommunjoni tal-akkwisti, tad-dati tal-akkwist tal-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u tad-data stabillita' minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenut u ohra lill-attrici;*

*Bl-ispejjez, komprizi dawn inkorsi fil-proceduri ta' medjazjoni kontra l-istess konvenut ngnt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-konvenut ġie debitamet notifikat bl-atti tal-kawża,[2] iżda huwa ma ppreżenta l-ebda risposta entro t-terminu stabbilit mil-liġi u għahekk fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2020 il-konvenut ġie ddikjarat li jinsab fi stat ta' kontumaċja;[3]

---

[2] Fol. 21, 25 – 28,
[3] Fol. 32.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet li jġib in-numru progressiv 1314 tas-sena 2015;[4]

Rat id-digriet tal-Qorti datat 14 ta' Jannar 2019,[5] fejn għalqet il-proċess tal-medjazzjoni minħabba nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet, u b'hekk l-istess partijiet ġew awtorizzati jibdew il-proċeduri legali entro t-terminu impost fil-liġi;

Rat l-affidavit tal-attriċi u d-dokumenti annessi,[6] kif ukoll ix-xhieda *viva voce*;[7]

Rat id-digriet tal-14 ta' Ottubru 2021 mogħti abbażi tal-Artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta,[8] fejn il-Qorti talbet informazzjoni u dokumenti dwar il-kunjom tal-attriċi kif ukoll l-proċeduri tal-annullament taż-żwieġ tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-annullament taż-żwieġ tal-partijiet mogħtija mit-Tribunael Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta nhar it-30 ta' Ottubru 2020 (Prot. No. 18.085);[9]

Rat id-digriet ta' eżekuttivita' tal-annullament taż-żwieġ tal-partijiet mogħti mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta nhar it-23 ta' Diċembru 2020;[10]

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Appell datat il-25 ta' Lulju 2022, fejn ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra d-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta tat-30 ta' Ottubru 2020 (Prot. No. 18.085) u dan skont Artikolu 23 u 24 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;[11]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dottor Maria

[4] Fol. 8.
[5] Fol. 11.
[6] Fol. 36.
[7] Fol. 229.
[8] Fol. 248.
[9] Fol. 259.
[10] Fol. 275.
[11] Fol. 352.

Dolores Gauci,[12] ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[13]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titolob is-separazzjoni personali għar-raġunijiet imputabbli lil kovenut. Barra minn hekk, l-attriċi qiegħda titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali, senjatament ix-xoljiment, likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-beni parafernali.

Fil-mori tal-proċeduri, u ċjoe' nhar it-30 ta' Ottubru 2020 iż-żwieġ kattoliku tal-partijiet ġie annullat mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta u konsegwentament nhar it-23 ta' Diċembru 2020 ingħata d-Digriet ta' Eżekuttivita' tal-imsemmija sentenza sabiex b'hekk din tkun tista' tiġi rikonoxxuta. Jirriżulta illi r-reġistrazzjoni ta' din is-sentenza ġiet effettwata mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Lulju 2022 u dan ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant u fil-fehma tal-Qorti, uħud mit-talbiet tal-attriċi ma baqgħux rilevanti u b'hekk ma hemmx aktar lok li jiġu deċizi t-talbiet għas-separazzjoni personali, id-dritt li jgħixu separatament minn xulxin u l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Madanakollu, il-Qorti tosserva illi fir-rigward tat-talbiet l-oħra tal-attriċi, senjatament it-talba għall-manteniment għaliha nnifisha, kif ukoll it-terminazzjoni, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-konfront tagħha, għandhom jiġu deċiżi u dan għaliex mis-sentenza tal-annullament jirriżulta ampjament ċar illi l-konvenut kien *in mala fede*, filwaqt li l-attriċi kienet in *buona fede*. Għalhekk u ġialadarba jirriżulta li fil-każ in

[12] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2020, a fol. 35.
[13] Fol. 284.

diżamina jissusisti l-ingredjent prinċipali għal żwieġ putattiv, u ċjoe' l-eżistenza tal-*buona fede* da parti l-attriċi, dan ifisser illi l-effetti ċivili jissussistu biss favur l-attriċi.[14]

Għal tali fini, u ċjoe' sabiex tiddeċiedi dwar l-effetti ċivili in kwistjoni fir-rigward tal-attriċi, il-Qorti tirrileva illi hija xorta waħda ħadet konjizzjoni: (i) tal-affidavit tal-attriċi,[15] (ii) ir-ritratti eżebiti li juru r-relazzjoni extra-maritali tal-konvenut,[16] (iii) l-affidavit ta' Denise F, ossija omm l-attriċi, li tikkonferma l-verżjoni ta' bintha,[17] u (iv) l-affidavit ta' E F, ossija missier l-attriċi, li jikkonferma l-verżjoni ta' bintu.[18] Fid-dawl ta' dawn il-provi mhux kontradetti da parti l-konvenut, il-provi oġġettivi li ma jħallu l-ebda dubju illi l-konvenut huwa adelturuż fil-konfront tal-attriċi, u finalment is-sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta, jidher kristallizzat li l-konvenut naqas serjaament lill-attriċi.

Stabbilit il-premess, il-Qorti issa sejra tgħaddi sabiex tiddeċċiedi rigward il-kwistjonijiet rimanenti.

## 2. Manteniment għall-Attriċi jew *se mai* d-Dritt għall-istess:

L-attriċi titlob illi f'każ li hija tkun f'pożizzjoni li tista' tmantni lilha nnifisha l-Qorti tiddikjara li bl-imġieba tagħha hija xorta waħda ma tilfitx il-jedd tagħha li titlob manteniment mingħand il-konvenut, filwaq li f'każ li l-attriċi ma tibqħax f'pożizzjoni li tmantni lilha nnifisha l-Qorti għandha tikkundanna lil konvenut sabiex iħallas lill-attriċi manteniment pagabbli fil-ġimgħa jew fix-xahar, jew somma globali li tkun biżżejjed sabiex l-attriċi tgħix indipendenti mill-konvenut. F'dan ir-rigward, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tħares lejn Artikolu 20 subinċiż 5 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula: "*Minkejja kull dispożizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien*".

[14] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Maryrose Tabone vs Anthony Stellini**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-31 ta' Jannar 2008 (Rikors Numru 2613/1998/1 NC).
[15] Fol. 36.
[16] Fol. 42 – 54.
[17] Fol. 81.
[18] Fol. 83.

Fid-dawl tal-artikolu tal-liġi appena ċitat, il-Qorti eżaminat is-sentenza ta' nullita' taż-żwieġ tal-partijiet mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta nhar it-30 ta' Ottubru 2020. Fis-sentenza in kwistjoni jidher li t-Tribunal in kwistjoni ddikjara:

*"63. In view of the above, the Judges are morally convinced that the diagnosis fits in with the Acts mentioned above. Hence the Judges, therefore, after having carefully examined all the Acts of the case and the Animadversiones of the Deputy Defender of the Bond, considering that the conditions laid down in canon 1905 para. 2 have been fulfilled, return an AFFIRMATIVE decision that this marriage is to be declared null on the grounds of lack of due discretion of judgement to elicit a valid matrimonial consent and incapable of assuming marital responsabilities on the part of Respondent. A Vetitum is to be imposed on Respondent.*

*Having analysed and carefully examined and weighed all the elements in tis present case, both in Law and in Fact, and invoked the Holy Name of Christ, WE, the undersigned Judges in this same case, the Lord God being our sole guidance, do hereby Declare and Decree:*

*AFFIRMATIVE on the grounds of lack of due discretion of judgement and on the ground of inability to assume marital obligations on the part of Respondent. (...)*

*NEGATIVE on the ground of Deceit suffered by Petitioner."*

Dan ifisser illi l-konvenut instab unikament responsabbli għan-nullita' taż-żwieġ tagħhom, u għalkemm mhux espliċitament iddikjarat, huwa stat ta' fatt li l-konvenut kien *in mala fede*. Għaldaqstant, il-Qorti tara illi ġialadarba l-konvenut kien responsabbli għan-nullita` taż-żwieġ, filwaqt li l-attriċi aġixxiet in *buona fede,* huwa obbligu tal-Qorti li tidħol fil-kwistjoni tal-manteniment. Fid-dawl ta' dan u kif ukoll ta' subinċiż 5 tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, jeżisti obbligu ta' ħlas ta' manteniment għal perjodu ta' ħames snin da parti tal-konjugi li tkun jew ikun *in mala fede* versu l-parti l-oħra li kienet in *ċbuona fede* – liema obbligu hija fin-natura tagħha waħda penali għal dak il-konjuġi li jkun responsabbli għan-nullita' taż-żwieġ. Għaldaqstant wieħed jista' faċilment jasal għal konklużjoni illi tali perjodu kif stipulat fil-liġi huwa l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali, stante li ma teżisti l-ebda disposizzjoni oħra fil-

liġi li timponi tali obligu f'każ simili għal dak odjern, u b'hekk tali obbligu jista' biss jiġi applikat f'tali sitwazzjonijiet.

Għalhekk, il-Qorti tillikwida s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat f'manteniment għall-attriċi, pagabbli mill-konvenut għal perjodu ta' ħames snin, liema somma għandha tiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u tinqata' minn kull introjtu u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Dan il-manteniment għandu japplika mill-25 ta' Lulju 2022, u ċjoe' mid-data tar-registrazzjoni tas-sentenza mal-Qorti ta' l-Appell.

**3. It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar il-5 ta' Ġunju 2015, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

a. *Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'effett mill-25 ta' Lulju 2022, ċjoe' d-data meta ngħata d-digriet mill-Qorti tal-Appell permezz ta' liema l-annullament taz-zwieġ tal-partijiet ħa l-effett tiegħu ċivilment ukoll.

b. *Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Mill-atti ma jirriżultax li kien hemm ħafna assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Mill-atti jirriżulta li dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma s-segwenti:

i. Ix-xhieda ta' Stephen Baldacchino in rappreżentanza ta' Banif Bank,[19] fejn iddikjara li ma sab l-ebda kontijiet fuq isem il-konvenut;

ii. Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valleta plc,[20] fejn iddikjarat illi: (a) l-konvenut fuq ismu personali għandu erba' (4)

[19] Fol. 85a.
[20] Fol. 233.

kontijiet, ossija l-kontijiet bankarji bin-numru 40014765760 bħala *savings account*,[21] 40017066851 bħala *savings account*,[22] 40019587655 bħala *fidda account*,[23] u 40020472487 bħala *term deposit account*,[24] (b) l-konvenut għandu żewġ kontijiet oħra konġunti mal-attriċi, ossija l-kontijiet bankarji bin-numru 40021048535 bħala *savings account*[25] u 40022922650 bħala *loan* account.[26] Barra minn hekk, il-konvenut għandu ukoll *credit card* bin-numru. Ix-xhud tgħid ukoll illi fuq isem il-konvenut hemm ukoll żewġ (2) poloz tal-assigurazzjoni bin-numru FP515945 u FP493260;

iii. Ix-xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc,[27] fejn iddikjarat li ma sabet l-ebda kontijiet fuq isem il-konvenut;

iv. Ix-xhieda ta' Charmaine Psaila Raji in rappreżentanza ta' APS Bank,[28] fejn iddikjarat li ma sabet l-ebda kontijiet fuq isem il-konvenut;

v. Ix-xhieda ta' Dorianne Farrugia in rappreżentanza ta' Lombard Bank,[29] fejn fejn iddikjarat li ma sabet l-ebda kontijiet fuq isem il-konvenut;

vi. Ix-xhieda ta' Daniel Sammut in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Asset Management,[30] li jikkonferma li l-BOV Balance Portfolio Fund tal-konvenut għandu l-valur ta' €6,679.71, liema investiment beda fit-28 ta' Frar 2017;[31]

vii. Ix-xhieda ta' Naomi Buhagiar in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Fund Services,[32] li tikkonferma li l-BOV Balance Portfolio Fund tal-konvenut għandu l-valur ta' €6,679.71, liema investiment beda fit-28 ta' Frar 2017.[33]

---

[21] Fol. 98 – 130.
[22] Fol. 131 – 163.
[23] Fol. 164.
[24] Fol. 165 – 166.
[25] Fol. 86 – 91.
[26] Fol. 92 – 97.
[27] Fol. 234.
[28] Fol. 235.
[29] Fol. 236.
[30] Fol. 240.
[31] Fol. 241.
[32] Fol 242.
[33] Fol. 243.

Il-Qorti tara ukoll li dak li qed tippretendi l-attriċi huma l-benefikati u ameljoramenti illi saru fid-dar matrimonjali bis-saħħa tagħha. Fir-rigward tad-dar matrimonjali, l-attriċi stess tammetti li ma għandha l-ebda pretensjoni fuqha stante li din hija parafernali tal-konvenut.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tordna:

i. Id-dar matrimonjali, għal kull buon fini, ma għandhiex tibqa' sservi bħala tali u għalhekk teskludi lill-attriċi milli jkollha d-dritt li tabita fl-istess fond;

ii. Kull kont bankarju li jinsab intestat fuq isem il-konvenut dan għandu jibqa' jgħajjat lilu, b'dana illi fir-rigward tal-ammont ta' flus li kien jinsab fil-kontijiet bankarji fit-12 ta' Ottubru 2018, ossija d-data meta l-attriċi bdiet il-proċeduri għall-annullament quddiem it-Tribunal Metropolotan tal-Arċidjoċesi ta' Malta, il-konvenut għandu jgħaddi nofs tali ammonti lill-attriċi. Dan qiegħed jingħad in vista tal-fatt li l-attriċi kienet dejjem *in boda fede,* kif diġa' ġie spjegat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, u għaldaqstant il-Qorti għandha l-obbligu illi tara illi l-attriċi tingħata sehemha minn dak kollu iġġenerat fiż-żwieġ u li jaqa' taħt il-kappa tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Kull polza ta' assigurazzjoni f'isem il-konvenut għandha tiġi tterminata, u nofs il-valur tal-istess għandu jiġi assenjat lill-attriċi;

iv. Il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' dsatax-il elf seba` mija u tmienja u għoxrin euro u tmienja u sebgħin ċentezmu (€19,728.78), bħala sehemha mill-benefikati li saru fid-dar matrimonjali. Din is-somma ġiet ikkalkulata fuq l-irċevuti validi ppreżentati mill-attriċi stess.[34] Hemm ukoll is-somma ta' sebat elef euro (€7,000) kif iddikjarat l-attriċi fl-affidavit tagħha stess. Dawn is-€7,000 jirrappreżentaw numru ta' affarijiet illi l-attriċi tgħid li hija xtrat sabiex il-partijiet setgħu jgħixu fid-dar matrimonjali tagħhom, ossija *inter alia,* purtieri, inkwatri, *throw overs, cushion covers, bedspread*, pożati, borom, *cooking utensils*, platti, tazzi, srievet, xugamani, lożor, dekorazzjonijiet tal-Milied, tapiti, u *iron boards*. Il-Qorti tara illi dawn l-affarijet imsemmija huma essenzjali sabiex wieħed ikun jista' jgħix b'mod komdu ġewwa daru. Barra minn hekk tirritjeni li huwa minnu li għal

[34] Li jammontaw għal €25,457.56, u li allura sehem l-attriċi huwa dak ta' €12,728.78.

tali €7,000 l-attriċi ma resqet l-ebda rċevuta, madanakollu fil-fehma tal-Qorti tali somma ma hijiex eċċessiva, u fi kwalumkwe każ il-Qorti temmen ukoll li ma għandhiex tiddubita l-verżjoni mhux kontradetta tal-attriċi u dan minħabba nuqqas da parti l-konvenut innifsu.

**4. Assi Parfernali u kif ukoll Ġid ieħor Komuni:**

Fir-rigward ta' assi parafernali tal-attriċi, il-Qorti ma tarax illi l-attriċi resqet prova ta' dan, għajr għal numru ta' rċevuti li ħalset dwar benefikati qabel iż-żwieġ – liema ttiehdu diġa' in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara ukoll li mill-atti ma rriżulta ukoll l-ebda ġid ieħor komuni.

**5. Kunjom Xbubit l-Attriċi:**

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoe' *'F'*. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tielet talba attriċi u dan in vista li ż-żwieġ tal-partijiet ġie annullat;

2. Tilqa' it-tieni talba billi tordna lil konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat f'manteniment għall-attriċi, pagabbli għal perjodu ta' ħames snin, liema somma għandha tiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u tinqata' minn kull introjtu u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Dan il-manteniment għandu japplika mill-25 ta' Lulju 2022, u ċjoe' mid-data tar-registrazzjoni tas-sentenza mal-Qorti ta' l-Appell;

3. Tiċħad ir-raba', il-ħames u s-seba' talba attriċi fir-rigward tal-beni parafernali u kull proprjeta' oħra komuni bejn il-partijiet, altru dawk formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti;

4. Tilqa' is-sitt u t-tmien talba attriċi, billi xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tat-tielet (3) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*;

5. Tilqa' id-disa' talba u tordna li l-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha, ossija *'F'*.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.